# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Illum 26 ta' Settembru 2024**

**Nru: 4**

**Rikors Ġuramentat Nru. 426/2023**

## Carmelo Schembri et

## v

## North Delux Developments Limited

1. Permezz ta' rikors tal-14 ta' Mejju 2024 l-atturi talbu li jissejħu f'din il-kawża, bħala intimati, Amanda Grima u South Delux Developments Limited.[1] Dan hu digriet dwar dan ir-rikors.

2. F'din il-kawża l-atturi jgħidu li l-kumpannija North Delux Developments Limited, bħala propjetarja ta' art partikolari, stagħniet inġustament għad-dannu tal-atturi bil-formazzjoni ta' triq fuq ħwejjeġ tar-rikorrenti.

[1] Paġna 268 - 270

3. Il-kumpannija konvenuta wieġbet (fost affarijiet oħra) li hi mhix il-persuna li twieġeb għal dak li qed jitolbu l-atturi, għaliex ma għandha ebda sehem jew interess fil-proprjetà mertu ta' din il-kawża.[2]

4. L-atturi talbu, u ngħataw, żmien biex jagħmlu l-verifiki tagħhom dwar din it-tweġiba u, sussegwentement, ressqu l-imsemmi rikors tal-14 ta' Mejju 2024. Jirriżulta minnu, u mid-dokumenti li għalihom hemm referenza, li dak li qalet North Delux Developments Limited hu fattwalment korrett. Hi m'għandhiex u lanqas qatt ma kellha proprjetà rilevanti għat-talbiet tal-atturi. Jirriżulta ukoll li din il-proprjetà kienet ta' Amanda Grima u South Delux Developments Limted.

5. Hu għalhekk li l-atturi qed jitoblu li jissejħu fil-kawża Amanda Grima u South Delux Developments Limted, jiġifieri biex ikunu huma li, sostantivament, jirrispondu għat-talbiet tagħhom. L-atturi jgħidu ukoll li huma mhumiex, f'dan l-istadju, ser jitolbu lill-qorti tillibera lil North Delux Developments Limited mill-osservanza tal-ġudizzju għaliex, skont dak li qalu, North Delux Developments Limited stqarret pubblikament - imma b'mod li ma kellux mis-sewwa - li hi kienet propjetarja tal-art in kwistjoni; stqarrija li żgwidat lill-atturi, u li għalhekk timpinġi fuq il-kap tal-ispejjeż.[3]

6. Anki jekk, għall-argument, l-atturi għandhom raġun dwar dak li jgħidu fir-rigward tar-responsabbiltà dwar il-kap tal-ispejjeż,[4] jibqa' li hu ammess li, fil-mertu, il-kawża saret kontra persuna li ma tirrispondix għaliha. Din il-problema ma tistax tissewwa' bis-sejħa fil-kawża ta' dawk li jirrispondu għal dak li jippretendu l-atturi. Hemm ġurisprudenza kostanti li tgħid li s-sostituzzjoni tal-konvenut oriġinali mhix possibbli.[5] Il-fatt li l-atturi qalu li, f'dan l-istadju mhux ser jitolbu li North Delux Developments Limited tinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju, ma jbiddel xejn minn dan. Fl-ewwel lok dan hu għaliex, jekk xejn, l-atturi jridu jċedu l-kawża fil-konfront ta' North Delux Developments Limited, mhux jitolbu li tinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju (li hi eċċezzjoni ta' North Delux

---

[2] L-ewwel difiża, paġna 13.
[3] Para 7 tar-rikors tal-14 ta' Meju 2024.
[4] Dwar dan il-punt, il-qorti mhix qiegħda tesprimi ruħha.
[5] Ara, fost oħrajn, 31/2002 (PA), *Joseph u Marianne Bellizzi v Awtorità Marittima ta' Malta, Salvatore Bellizzi*, deċ. 30 ta' Mejju 2003 u l-ġurisprudenza li fiha.

Developments Limited u li għad trid tiġi deċiża); u fit-tieni lok għaliex il-qorti xorta tista' tiddeċiedi l-kwistjoni dwar il-kap tal-ispejjeż mingħajr ma jissejħu fil-kawża l-persuni msemmija f'para. 4.

Għal dawn ir-raġunijiet, il-qorti tiċħad it-talba tal-atturi mressqa permezz tar-rikors tal-14 ta' Mejju 2024.

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur